# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 261/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Arthur Mercieca)

vs

**George Desira**

iben Vincent, imwieled Zejtun, fit-12 ta' Dicembru, 1946, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 1062646(M)

U

**Rita Desira**

bint George, imwieleda Pieta', fl-1 ta' April, 1970, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 213670(M)

U

**Generoso Desira**

iben George, imwieled Pieta', fit-3 ta' Frar, 1973, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 177973(M)

Illum, 24 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati George Desira, Rita Desira u Generoso Desira quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

(1) Talli fl-4 ta' Lulju, 2008 ghal habta ta' 22.00hrs gewwa z-Zejtun minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Tarcisio Fenech skont kif iccertifika Dr. Renzo Degabriele MD 2447 tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;

(2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Grazio Fenech skont kif iccertifika Dr. Renzo Debagriele MD 2447 tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;

(3) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kissru l-bon ordni u il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied;

(4) Lil **Generoso Desira** wahdu, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkaguna xi hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' ghamel hsara ta' Euro 253.20 fuq bowser tal-ilma ghad-dannu ta' Tarcisio Fenech u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kodici Kriminali;

Lil **Generoso Desira** u lil **George Desira** talli huma recidivi b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Mejju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat

l-artikoli 214, 215, 218(1)(a)(2), 216(1)(a)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, lil Generoso Desira wahdu l-artikoli 49, 50, 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ddikjarat lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom kif dedotti u konsegwentement illiberahom mill-istess imputazzjonijiet.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fil-5 ta' Gunju, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha **thassar u tirrevoka** s-sentenza msemmija u minflok issib lill-appellati hatja ta` l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u tinfliggi l-piena skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fl- 24 ta` Mejju, 2013 l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet apprezzament manifestament hazin tal-provi u tal-fatti migjuba.

Illi l-Ewwel Qorti lliberat lill-imputati mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom semplicement ghaliex hi waslet erronjament ghal-konkluzjoni li d-data ndikata fit-tahrika tal-Pulizija u cioe` l-4 ta` Lulju, 2008, hija zbaljata u kellha tkun l-4 ta` Gunju, 2008.

Illi l-esponent jikkoncedi li l-Ewwel Qorti waslet erronjament ghal din il-konkluzzjoni ghaliex mir-rapport tal-incident in kwistjoni ezebit a fol 32 tal-process jidher li l-ufficjal tal-Pulizija li hejja l-okkorrenza ndika d-data zbaljata tal-4 ta` Gunju 2008 u allura wiehed forsi setgha fforma xi dubju dwar id-data meta sehh il-kaz. Pero` hemm provi ohra cari li juru minghajr ebda dubju dettat mir-raguni li effettivament id-data ndikata fic-*charge sheet* hija dik korretta. Dan qed jinghad ghaliex a fol 20 u 21 tal-process gew ezebiti zewg certifikati medici li juru d-data meta gew medikati il-vittmi ta` dan il- kaz mit-tabib Dr. Renzo Degabriele. Fil-fatt l-ewwel certifikat mediku li jirrigwardja Tarcisio Fenech u li jinsab a fol 20 jindika li d-data tac-certifikat mediku hija dik tal-5 ta` Lulju 2008 u dan peress li l-incident sehh fil-lejl ta` bejn l-4 ta` Lulju, 2008 u l-5 ta` Lulju, 2008. Dan il-punt jiccarah Dr. Renzo Degabriele fix-xhieda tieghu meta jghid is-segwenti:

*Pros: Niccara xi haga sur Magistrat. Fir-rigward tad-dati tac-certifikati.*

*Xhud: Iva wiehed minnhom datat `05 bi zball. Dak `08 ghandu jigi. Dokument numru 20.*

*Qorti: Tista tikkoregih u tiffirma hdejh jekk joghgbok.*

*Pros: Tista' tispjega lil Qorti ghaliex id-dati qed ivarjaw bejn 4 u 5?*

*Xhud:* ***Ghaliex kien nofs il-lejl. Probabli wiehed minnhom kien probabbilment il- 5 ta` Lulju, kien. Issa niccekja il-kaz fuq il-kalendarju****.*

*Qorti: Jekk qed tispjega li d-diskrepanza fid-data bejn 4 u 5.*

*Xhud:* ***Iva, minhabba li nofs il-lejl qabez, taf inti. Wahda tkun ghamiltha 4, tkun mohhok li 4 u l-ohra ghamiltha 5.***

Illi skont ic-certifikat mediku ezebit a fol 21 li jirrigwarda lil Grazio Fenech fil-fatt id-data ndikata hija propju l-4 ta` Lulju, 2008.

Illi allura huwa evidenti anki minn dawn ic-certifikati medici ezebiti li x-xahar meta sehh dan il-kaz huwa effettivament Lulju, 2008 u mhux Gunju, 2008. L-Ewwel Qorti kienet manifestament zbaljata meta waslet ghall-konkluzzjoni li d-data ndikata fit-tahrika hija wahda zbaljata ghax fil-verita` l-kaz sehh propju fl-4 ta` Lulju, 2008 kif tindika t-tahrika u mhux l-4 ta` Gunju, 2008. Dan isegwi li l-Ewwel Qorti kienet zbaljata wkoll meta lliberat lill-appellati mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u dan minghajr ma dahlet *ad funditus* fil-provi l-ohra mertu ta` dan il-kaz.

Fil-fatt ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u biex effettivament ikun qed jidher li qed issir gustizzija, l-esponent huwa tal-opinjoni li fis-smiegh ta` dan l-appell ghandu jixhed l-Ispettur Investigattiv Arthur Mercieca limitatament fuq din il-kwistjoni tad-data meta sehh dan il-kaz propju biex jiccara dan il-punt.

Illi wiehed irid jishaq li f`dan il-kaz il-partijiet kollha nvoluti nkluz il-ko-imputati Rita Desira u Genereoso Desira stess xehdu rigward dan l-incident partikolari li sehh fl- 4 ta` Lulju, 2008 u dan propju ghaliex ma kienx hemm incidenti ohra bejn Desira u Fenech. Fil-fatt f`dawn il-proceduri Rita Desira u Generoso Desira taw ix-xhieda taghhom u t-tnejn li huma jirrakontaw

x`gara  dak inhar tal- 4 ta` Lulju, 2008 fuq mistoqsija tal-avukat difensur stess kif jidher a fol 151 fix-xhieda li tat Rita Desira u a fol 173 fix-xhieda ta` Generoso Desira. Hadd minnhom ma qal li l-incident in kwistjoni sehh fl- 4 ta` Gunju, 2008 kif erronjaament qalet l-Ewwel Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu appell mill-Avukat Generali fejn hu qed jikkontendi li l-ewwel Qorti ghamlet zball fid-data ta' l-incident ta' l-incident meritu ta' dan il-kaz.

Illi l-appellati huma akkuzati li fl-4 ta' Lulju, 2008 wettqu l-fatti li huma akkuzati bihom.  L-ewwel Qorti kienet tal-fehma li l-incident gara fl-4 ta' Gunju, 2008.

Illi l-ewwel Qorti spjegat fit-tul hem diskrepanza fid-dati, cioe' l-appellati huma akkuzati b'agir fl-4 ta' Lulju, 2008 meta minn provi ohra jirrizulta li l-akkadut gara fl-4 ta' Gunju, 2008.

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti setghet ragonevolment tasal ghal konkluzjoni taghha a bazi wkoll tax-xhieda u ta' citazzjoni ohra kontra l-parte civile fejn hemm indikata d-data tas-6 ta' Gunju, 2008.

Illi l-Avukat Generali ndika li l-appellati nfushom indikaw id-data tal-4 ta' Lulju, 2008.  Biex wiehed ikun korrett l-apellati ma ndikaw ebda data izda kien l-avukat taghhom li ndika din id-data.

Illi hu car li kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll l-Avukat Generali mexxew dan il-kaz b'certa superficjalita' ghaliex kieku kienu jindunaw b'din id-diskrepanza fid-dati.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qed tichad l-appell ta' l-Avukat Generali u qed jikkonferma s-sentenza appellata.